

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Appell ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2021 minn EM mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fit-3 ta' Marzu 2021 fil-Kawża T-599/19, EM vs Il-Parlament

(Kawża C-299/21 P)

(2021/C 431/03)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: EM (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

- Tannulla s-sentenza tat-3 ta' Marzu 2021, EM vs Il-Parlament (T-599/19);
- Tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż kollha, inklużi dawk sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Permezz tal-ewwel motiv imqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellant kien invoka l-ksur tal-Artikoli 1 u 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll l-Artikoli 12 u 12a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, ksur tad-dmir ta' assistenza u ta' użu ħażin ta' poter. Fuq dan l-ewwel motiv, maqsum fi tliet partijiet, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni fil-punti 42 sa 131 tas-sentenza appellata.

Permezz tat-tieni motiv miġjub quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellant kien invoka l-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura, kif ukoll żball manifest ta' evalwazzjoni. Fuq dan il-motiv, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni fil-punti 142 sa 159 tas-sentenza appellata.

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jiżviluppa aggravju uniku, ibbażat fuq l-iżnaturament tal-fatti, fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li jwasslu għal motivazzjoni insuffiċjenti u ineżatta fid-dritt. Il-Qorti Ġenerali kienet għalhekk iddeċidiet *infra petita*. Fil-kuntest tal-appell, l-appellant jikkontesta b'mod partikolari l-punti 51 sa 57, 66 sa 69, 100 sa 103, 109, 126 sa 131, 145 u 146, 148 u 149, 170 u 171 tas-sentenza appellata.